MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 566/2003

**S. Mifsud & Sons Limited**

**vs**

**Michael Stivala**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u tmenin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM4,686.51,0), leima ammont huwa dovut lis-socjeta' attrici bhala bilanc ta' somma akbar dovuta in konnessjoni ma' skurzjonijiet turistici mibjughin mill-konvenut fil-kapacita' tiehu ta' agent tas-socjeta' attrici.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-interpellazzjonijiet, tal-mandat ta' qbid u bl-imghaxijiet sa mid-data ta' meta l-ammont sar dovut, kontra l-konvenut li sa minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-8 ta' Frar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------